# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar l-Erbgha 4 ta' Novembru, 2015

**Talba Nru: 548/2015/VG**

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Raymond SPITERI [ID 646461M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-13 ta' Lulju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' sitt mija tmienja u hamsin euro u erbgha u sittin centezmi ta' euro [€658.64c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u tmienja u hamsin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€658.64) in konnessjoni ma' Bundle Agreement (Home Pack) (AC40173060).

> Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.
>
> Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fit-18 ta' Lulju, 2015 u li baqa' ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi.

Ra li l-intimat deher fis-seduta tal-24 ta' Settembru, 2015 fejn it-Talba giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet ghal-lum stess.

Ra li l-intimat, minkejja msejjah diversi drabi baqa ma deherx ghas-seduta tal-lum.

Semgha x-xhieda ta' Charmaine Psaila Wiffen, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. Keith Grech ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' sitt mija tmienja u hamsin euro u erbgha u sittin centezmi ta' euro [€658.64c] in konnessjoni ma' Bundle Agreement (Home Pack) (AC40173060) moghtija minnha lill-intimat.

   Ikkunsidra;

2. Charmaine Psaila Wiffen, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, kkonfermat bil-gurament taghha llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

   Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

   *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

   (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

   *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

   *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat fit-18 ta' Lulju, 2015 u li ma ressaq ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi.

7. Illi fis-seduta tal-24 ta' Settembru, 2015 deher l-intimat u t-Talba giet differita ghal-lum ghall-provi kollha tal-partijiet.

8. Illi llum, minkejja li gie msejjah diversi drabi, l-intimat baqa' ma deherx.

9. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

10. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' sitt mija tmienja u hamsin euro u erbgha u sittin centezmi ta' euro [€658.64c] bl-imghaxijiet kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-13 ta' Lulju, 2015 data tal-prezentata tat-Talba odjerna, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**

**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**